**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**<u>Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' Lulju 2020;</u>**

**<u>Rikors nru: 208/2020 AGV;</u>**

**AB**

**U**

**CB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet A u CB ,** datat 9 ta' Lulju 2020, fejn esponew bir-rispett;

1. Illi huma zzewwgu nhar il-11 ta' Awwissu 1984, fil-Parrocca ta' Marija Regina, il-Marsa ( certifikat taz-zwieg hawn anness bin-numu 1443/1984, u mmarkat Dok. A);
2. Illi minn daz-zwieg twieldu zewgt ibniet, u cjoe' tifla bl-isem ta'D li llum ghandha 33 sena, u E li llum ghandha 30 sena;

3. Illi l-esponenti sesperaw permezz ta’ kuntratt pubbliku in atti tan-nutar Dr. John Spiteri datat 15 ta’ Marzu 2004, u l-firda taghhom ghalhekk giet regolata b’ dan il-kuntratt (kopja awtentika annesss u mmarkat Dok. B);
4. Illi l-esponenti ilhom ma jirrisjedu flimkien bhal mizzewwgin ghal dal-ahhar 16-il sena – cjoe minn meta huma sseparaw legalment kif fuq premess- b’ dan pero’ l-esponenti C B  ghadha qieghda fizikament tabita fil-fond illi kien jikkostitwixxi d-dar matrimonjali tal-partijiet. Dan ai termini tal-provvediment relattiv fil-kuntratt ta’ separazzjoni fuq indikat illi jakkorda d-dritt de quo lill imsemmija CB, *‘sakemm taghmel l-arrangamenti mehtiega sabiex tmur tghix u tabita f’ post alternattiv’*
5. Illi nonostante l-fatt li l-esponenti E CB   kienet ressqet applikazzjoni appozita ghall-kunsiderazzjoni tal-Awtorita’ tad-djar sabiex tinghata l-ghajnuna mehtiega konformi mal-mezzi taghha, sal-lum l-istess esponenti ghad ma ghandhix akkomodazzjoni alternattiva adegwata;
6. Illi huwa unikament minhabba c-cirkostanzi fuq premessi illi l-kontendenti ghadhom qed jirrisjedu taht l-istess saqaf. Jigi reiterat illi huma ma jghixux flimkien bhala mizzewwgin u llum rispettivament ghandhom il-hajja separata taghhom;
7. Illi l-esponenti  AB illum ma ghadux obbligat ihallas mantenimenti ghat-tfal in kwantu illi dawn rispettivament ghandhom ‘il fuq minn 23 sena, fil-waqt illi l-esponenti CB  kienet ddekadiet ghad-dritt illi tircievi manteniment  minghand zewgha u dana kif jirrizulta mill-kuntratt ta’ separazzjoni, hawn anness;
8. Illi ma jissusisti l-ebda prospett regenvoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
9. Illi ghal dar-ragunijiet, hawn fuq premessi, ir-rekwiziti tal-artikolu 66B tal-ligijiet ta’ Malta, jinsabu kollha sodisfatti.

Ghaldaqstant ghal ragunijiet hawn fuq premessi l-esponenti bir-rispett jitolbu lil dina Onorabbli Qorti sabiex;

a. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti, liema zwieg sehh nhar il- 11 ta’ Awwissu 1984;
b. Tordna lir-registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mil-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bid-divorzju tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti esebiti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.
Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**